MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 851/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Raymond Borg, sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Raymond Borg (I.D. 620657(M)).
Vs
Emmanuele Cilia (I.D. 35336(M))**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-20 ta' April, 2004 fejn l-atturi qed jitlobu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' Lm 286.81 (mitejn u sitta u tmenin lira Maltija u wieħed u tmenin ċenteżmu) bħala ħlas ta' danni sofferti mill-atturi, konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ nhar it-23 ta' April, 2003 ġewwa l-Mosta.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-ammont ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltija u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm 286.81) jew somma oħra verjuri rappreżentanti danni sofferti mill-atturi fl-inċident awtomobilistiku tat-23 ta' April, 2003 f'Ta' Natu Supermarket Parking Area, Mosta bejn vettura numru tar-

reġistrazzjoni EMC 456 misjuqa minnek u propjeta' tiegħek u vettura numru tar-reġistrazzjoni AAN 805 misjuqa minn Dolores Concetta Borg u propjeta' ta' Raymond Borg, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bżonn, li l-imsemmi inċident ġara b'tort unikament tiegħek imħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 4 ta' Frar, 2004 u ta' l-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment, kontra s-soċjeta' assikuratriċi tiegħek, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Emmanuele Cilia fejn ingħad illi:-

1. L-inċident tat-traffiku in kwistjoni ġara unikament bi ħtija ta' Dolores Concetta Borg xufier tal-vettura AAN 805.
2. Għalhekk fejn jirrigwarda l-eċċipjent ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom iġibu l-prova tad-danni skond il-liġi.
3. Inoltre, ma hemmx lok għall-kundanna ta' l-eċċipjent għall-ħlas ta' danni favur l-atturi.
4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi u bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi mhux kontestat miż-żewġ partijiet il-mekkanika ta' l-inċident. Ex admissis il-konvenut jgħid huwa laqat lill-vettura attriċi meta ġie biex jirriversja mill-parking area. Pero' qabel ma ħa l-passi ta' din il-manuvra, huwa esplora t-triq skond ir-regolamenti u skond l-indikazzjonijiet.

Di fatti l-attriċi tammetti illi minn fejn ġiet hi mhux suppost tiġi overtook għax suppost kellha tgħaddi minn direzzjoni opposta.

Rinfaċċjat b'tali sitwazzjoni t-Tribunal ta' bil-fors irid jirreferi ghall-ambjent li kien hemm fuq il-post dakinhar ta' l-inċident. Kienet l-istess xufiera attriċi illi saqet il-vettura tagħha kontra d-direzzjoni kif suppost fl-ambjent ta' parkeġġ u b'hekk meta ġie biex jirriversja l-konvenut laqatha. Kieku l- vettura attriċi mxiet skond ir-regolamenti, l-istess kolliżjoni ma kenitx tissuċċjedi.

Di fatti qabel ma rriversja, l-konvenut fix-xhieda tiegħu tat-28 ta' Frar, 2006 qal li huwa ħares skond il-vleġeġ minn fejn suppost ke1lu jiġi t-traffiku. Huwa veru li m'hemmx "no entry signs" biex tidħol min-naħa tal-public road pero' min imur kontra l-indikazzjoni tar-regolamenti għandu jassumi r- responsabbilta' tar-riskju li jkun qed jieħu hu. M'għandiex din ir-responsabbilta' tiġi skarigata fuq il-persuna l-oħra li ma kienet qiegħda tieħu l-ebda riskju.

Il-konvenut aderixxa ma' l-obbligi tiegħu u esplora t-triq minn fejn suppost kellhom jiġu l-vetturi. Issa jekk il-vettura min-naħa opposta, minn fejn suppost ma kellhiex tiġi allura dak l-oneru tagħha m'għandux jiġi skarikat fuq min ma kienx qed jistenna illi minn dik il-parti ma tiġix vettura.

Veru l-konvenut kien qed jiġi bir-reverse pero' ħa l-prekawzjonijiet debiti biex ma jikkostitwix ruħu ta' periklu għal xi utent fit-triq bħal per ezempju xi pedestrian.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi għall-inċident et quo kienet unikament responsabbli Doreen Borg ix-xufiera tal-vettura attriċi.

Għaldaqstant jiddeċiedi billi jilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------